**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 27 ta' Mejju 2025**

Rikors Numru: 510/24 AL

AB

vs

CD

(M.R. Numru 1578/2000)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. ILLI r-rikorrent izzewweg lill-intimata nhar 18 ta' Lulju 2015 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied;
2. ILLI l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Sandra Bugeja datat l-5 ta' Mejju 2021 **Dok 'A'**;
3. ILLI l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin;

4. ILLI llum ma hemm l-ebda prospett raggonevoli ta’ rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-Ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi, huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz esponiet:

1. Illi huwa minnu li l-partijiet iżżewġu fit-18 ta' Lulju 2015 u minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal;

2. Illi huwa minnu wkoll li l-partijiet isseparaw legalment fil-5 ta' Mejju 2021 b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Bugeja (liema kuntratt gie eżebit mir-rikorrent) u li ai termini tal-istess kuntratt il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jirċievu manteniment minghand xulxin;

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragionevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti, kif jirrżulta mill-affidavit tal-esponenti hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A":

4. Illi l-esponenti tikkonferma li l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma ssodisfatti;

5.Ghaldaqstant, l-esponenti taqbel mat-talbiet tar-rikorrent u titlob umilment li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Rat in-nota tar-rikorrenti li permezz tagħha jiddikjara li ma għandux xhieda xi jtella fil-proċedura tad-divorzju u jistrieh fuq l-affidavit tiegħu u tal-intimata; jirrileva li l-intimata għamlet risposta li biha mhux topponi għall-istess talba, u għalhekk jitlob umilment li din l-Qorti tgħaddi għas-sentenza fis-seduta li jmiss li hija skedata ghal 20 ta' Mejju 2025.

Tant ghandu x'jissottometti l-esponent.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat- 12 ta' Novembru 2024;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimata ;

Rat in-nota tar-rikorrenti tal-11 ta' Marzu 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Mejju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.